MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 74/1998/1

Citazzjoni numru 74/1998

Mary Piscopo f'isimha proprju u bhala prokuratrici tal-assenti Paul Attard, Louise Shier u Martin Attard u Joseph Attard u b'digriet tas-6 ta' Frar 2002 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony Piscopo f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-imsefrin Paul, Martin u Louise mart Trevor Shire ahwa Attard u f'isem it-tmien ulied tal-mejta Maria Piscopo u cioe' Joseph, Raymond, Charles, Francis, Emmanuel, David, Anthony u Lawrence ahwa Piscopo u kif ukoll bhala mandatarju ta' l-imsiefer Joseph Piscopo stante il-mewt ta' Maria Piscopo fil-mori tal-kawza

vs

Joseph Xerri, Mary Josette Xerri, Guza Grima, Paul Spiteri, Joseph Spiteri, Mary Spiteri, Lorry Spiteri u b'digriet tat-12 ta' Gunju l-isem Lorry ghandu jigi sostitwit bl-isem "LORETO", Dr Grazio Mercieca nominat kuratur deputat sabiex jirrapresenta lill-assenti Jane Grech u

Catherine Bartolo u b'digriet tas-26 ta' mejju 1998 l-isem ta' Dr Grazio Mercieca gie sostitwit bl-isem ta' Joseph Spiteri

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li taqra:

"Illi fid-9 ta' April 1968 miet Loreto Xuereb kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt (dok.A);

Illi jirrizulta mill-annessi ricerki testamentari tal-istess Loreto Xuereb (dok.B u dok.C) li l-wirt tal-imsemmi Loreto Xuereb huwa regolat skond testment sigriet maghmul fis-16 ta' Marzu 1968 anness u markat dok.D;

Illi jirrizulta mill-istess testment illi d-decujus innomina bhala werrieta universali tieghu lil Antonio Attard, l-attur Giuseppe Attard, lil Carmela Xerri u lit-tfal ta' Michele Spiteri;

Illi l-eredi Antonio Attard miet fid-29 ta' Lulju 1989 kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt (dok.E);

Illi kif jirrizulta mill-annessi ricerki testamentarji u testmenti ulied l-imsemmi Antonio Attard ossia l-attrici Mary Piscopo u huha Alfred Attard gew nominati l-eredi tieghu (dokti F, G, H, I, J);

Illi Alfred Attard miet fil-5 ta' Gunju 1993 kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt (dok.K);

Illi l-imsemmi Alfred Attard halla bhala eredi tieghu lil martu Patricia u lit-tliet uliedu Paul, Louise u Martin ahwa Attard li huma assenti minn dawn il-Gzejjer skond ma jirrizulta mill-annessi ricerki testamentarji (dok.L,M);

Illi l-attrici Mary Piscopo hija prokuratrici tal-assenti fuq imsemmija kif jirrizulta mill-annessa prokura (dok.N);

Illi l-eredi l-ohra ta’ Loreto Xuereb, ossia Carmela Xerri, mietet fl-14 ta’ Jannar 1997 kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt (dok.O);

Illi l-imsemmija Carmela Xerri halliet bhala eredi taghha l-konvenuti Joseph Xerri u Mary Josette Xerri kif jirrizulta nill-annessi ricerki testamentarji u testmenti (dokti P, Q, R, S, T);

Illi ghalhekk jirrizulta li l-kontendenti huma l-eredi tal-imsemmi Loreto Xuereb kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza;

Illi l-kontendenti qasmu bonarjament parti mill-effetti komprizi fil-wirt tal-imsemmi Loreto Xuereb;

Illi l-atturi nterpellaw lill-konvenuti sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-effetti komprizi fl-imsemmi wirt izda inutilment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

TALBU ghaliex m’ghandhiex dina l-Qorti:

1. tordna l-likwidazzjoni ta’ l-assi li jirrizultaw li huma komprizi fil-wirt tad-decujus Loreto Xuereb;

2. tordna li ssir id-divizjoni tal-beni hekk likwidati sabiex, wara li jigu prelevati l-legati ordnati mid-decujus Loreto Xuereb jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti fil-kwoti spettanti lilhom skond id-disposizzjonijiet tat-testment ta’ Loreto Xuereb;

3. tinnomina Nutar biex jippublika l-att ta’ divizjoni opportun fil-gurnata, hin u lok iffissati mill-Qorti u tinnomina kuratur biex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-att relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat d-dikjarazzjoni guramentata, l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Guza Grima, Paul Spiteri, Joseph Spiteri, Mary Spiteri, Loreto sive Lorry Spiteri, Catherine Bartolo u Joseph Spiteri nomine fejn eccepew:

1. li in linea preliminari n-nuqqas ta' ritwalita ta' din ic-citazzjoni stante illi l-atturi ndikaw illi Dr Grazio Mercieca huwa l-kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefra Jane Grech meta in effetti Joseph Spiteri kien ipprezenta nota fit-2 ta' Marzu 1998 fejn indika li huwa qieghed jassumi l-bandu ghall-hatra tal-kuraturi tal-istess Jane Grech; meta fl-ittra ufficjali responsiva tat-2 ta' Marzu 1998 Joseph Spiteri kien indika illi huwa mandatarju ta' ohtu imsiefra Jane Grech; u meta b'digriet tas-27 ta' Marzu 1998 din l-Qorti kienet ikkonfermat lill-esponenti Joseph Spiteri bhala kuratur sabiex jirraprezenta lill-assenti Jane Grech;

2. li wkoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut Loreto Spiteri ma huwiex citat korrettement ghaliex ma jismux "Lorry" – li del resto ma huwiex isem ta' bniedem;

3. li dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost Mary Piscopo trid qabel xejn tipprova l-mandat illi hija tallega illi ghandha minghand Paul Attard, Louise Shier u Martin Attard stante illi skond l-elenku tad-dokumenti notifikat lill-esponenti Mary Piscopo ma prezentat ebda prokura minghand dawn il-persuni;

4. li minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti qatt ma opponew u ma humiex qeghdin jopponu d-divizjoni mitluba salv illi qabel xejn jigu verifikati l-assi in divizjoni u l-kwoti spettanti lill-kontendenti minn dawn l-istess assi u dan kollu qaluh kemm fl-ittra ufficjali ta' Ottubru 1996 kif ukoll dik tat-2 ta' Marzu 1998 u ghaldaqstant l-esponenti ma ghandhom ibatu ebda parti mill-ispejjez ta' din il-kawza;

5. li dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jridu jirrilevaw illi l-fond numru 63 A.Republic Street, Victoria, formanti parti mill-assi ereditarji huwa

mikri lid-ditta 'Kelinu Spiteri Limited'; mentri l-fond "Villa Loreto" Triq l-Isqof Buttigieg, Qala, huwa mikri lill-konvenut Joseph Spiteri u ghaldaqstant kwalunkwe metodu ta' divizjoni u valutazzjoni tal-fondi in divizjoni jrid jirrispetta u jirrispekkja dawn il-kirjiet vigenti;

6. li l-esponenti jhossu li l-assi ereditarji ma humiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti u ghalhekk l-assi ereditarji ghandhom jigu licitati bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei ai termini tal-ligi. Dan in-nuqqas ta' divizibilita' l-esponenti qeghdin iressquh bhala eccezzjoni formali u ma humiex qeghdin jintavolaw kontro-citazzjoni b'talba f'dan is-sens sabiex jillimitaw l-ispejjez tal-kawza u ghaliex ai termini tal-gurisprudenza l-aktar kostanti tal-Qrati taghna f'kawza ta' divizjoni talba sabiex l-assi jigi diviz bejn il-kontendenti ghandha titqies li tikkomprendi talba sabiex dawn l-assi jinbieghu in licitazzjoni f'kaz illi jirrizulta illi ma humiex komodament divizibbli u vice versa;

7. li finalment l-atturi jridu jippruvaw illi l-assi ereditarji de quo gew debitament inkluzi fid-denunzji tan-nies illi minn ghandhom huma qeghdin jirtu l-istess assi u in mankanza din il-kawza ma tistax timxi 'l quddiem;

8. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Xerri u Mary Josette Xerri li eccepew:

1. li huma ma jopponux l-likwidazzjoni u divizjoni mitluba mill-atturi salv dejjem il-verifika tal-kwoti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluza r-relazzjoni tal-abbli perit tekniku nominat;

Ikkunsidrat:

Trattati l-ewwel tlett eccezjonijiet preliminari tal-konvenuti mil-atti jirrizulta li gew illum sorvolati: l-ewwel eccezzjoni b'digriet folio 70 fl-atti; it-tieni eccezzjoni skond il-verbal folio 74 in atti; it-tielet eccezzjoni billi l-prokura tirrizulta esebita folio 34 dok.N.

Trattat il-meritu jirrizulta li l-assi in divizjoni huma dawk ta' Loreto Xuereb li miet fid-9 ta' April 1968 u l-wirt tieghu hu regolat b'testment sigriet datat 16 ta' Marzu 1968 u legalment miftuh fit-3 ta' Mejju 1968. Ai termini tat-testment u svinkolati l-varji disposizzjonijiet ta' legati jirrizulta li d-decujus: (a) istitwixxa bhala usufruttwarji fit-"tgawdija tal-beni kollha stabbili u mobbli, bil-fakolta li jiddisponu minn xi beni jekk ikollhom bzonn [u ezenti] mill-obbligu tal-inventarju u tal-kawzjoni" lil hutu Carmelo u Michelina maghrufa bhala Mikelina Xuereb; (b) istitwixxa bhala werrieta universali "bid-dritt tal-akkrexximent u bis-sostituzzjoni tad-dixxendenti" u fi kwota ta' kwart kull wiehed lill:
Antonio Attard; Giuseppe Attard; Carmela mart Antonio Xerri; l-ulied ta' Michele Spiteri.

Mill-atti jirrizulta:

- li Antonio Attard miet fid-29 ta' Lulju 1989 u wirtuh Mary Piscopo u huha Alfred Attard (testment Atti Nutar J.Cachia 17.04.1970 (folio 22) - martu Maria Assunta Attard, usufruttwarja);

- li Mary Piscopo mietet fit-22 ta' Ottubru 2002 u wirtuha uliedha Joseph, Raymond, Charles, Francis, Emanuel, David, Anthony u Lawrence (zewgha Anthony Piscopo huwa usufruttwarju);

- li Alfred Attard miet f'Portsmouth l-Ingilterra fil-5 ta' Gunju 1993 u wirtuh uliedu Paul, Louise mart Trevor Shire u Martin;

- li Carmela mart Antonio Xerri mietet fl-14 ta' Jannar 1997 u wirtuha uliedha Joseph u Mary Josette, xebba;

Il-kwota ereditarja tal-wirt tal-imsemmi Loreto Xuereb hi ghalhekk kif ser jinghad:

- wiehed minn erbgha u sittin parti (1/64) kull wiehed lil Joseph, Raymond, Charles, Francis, Emanuel, David, Anthony, Lawrence – ulied Mary Piscopo gja bint Antonio Attard;

- wiehed minn erbgha u ghoxrin parti (1/24) kull wiehed lil Paul, Louise mart Trevor Shier u Martin – ulied Alfred Attard gja bin Antonio Attard;

- wiehed minn erbgha parti, ossija kwart (1/4), lil Giuseppe Attard – superstiti mill-eredi originali;

- wiehed minn tmien parti (1/8) kull wiehed lil Joseph Xerri u Mary Josette Xerri (xebba) ulied Carmela mart Antonio Xerri;

- wiehed minn tmienja u ghoxrin parti (1/28) kull wiehed lil Guza mart Carmelo Grima, Pawlu, Giuseppi, Mary, Loreto, Joan mart Giuseppe Grech u Catherine mart Emanuel Bartolo ulied Michele Spiteri – nominati eredi originali.

Illi l-assi in divizjoni tad-decujus Loreto Xuereb irrizultaw li jikkomprendu s-segwenti, konsistenti f'immobbli, azzjonijiet u cnus, cioe':

- "Villa Loreto" Triq l-Isqof Buttigieg, Qala, li skond dok.CG (folio 141) hi mikrija lil Joseph Spiteri;

- il-fond numru 62 Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, illum vakanti (vide xhieda Carmelo Grech – folio 134) gja mikrija (dok. CG1 - folio 142);

- il-fond numru 63 Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, li skond dok. CG2 (folio 144) hu mikri lis-socjeta "Linji Holdings Limited;

- il-fond numru 63A Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, li skond dok. CG3 (folio 146) hu mikri lil Michael Spiteri;

- il-fondi 35, 35A, u 36 Triq De Soldanis, Victoria, Ghawdex, li skond id-dok. CG4 (folio 148) hu mikri lis-socjeta "Francis X.Borg Company Limited";

- il-fond "Loreto" Triq Ulisse, Marsalforn, Ghawdex li huwa liberu u frank;

- ammont sostanzjali ta' azzjonijiet f'socjetajiet esteri (folio 152 sa 187) u rikavati ta' cnus;

Illi l-Perit Tekniku nominat stima l-immobbli, skond kif hemm indikat fir-relazzjoni tieghu (folio 110 et seq) u kkonkluda li "in vista tan-numru tal-kondividenti l-proprjeta' in komunjoni mhux komodament divizibbli" wara li ghamel rijassunt tac-cnus u l-azzjonijiet appartenenti lid-decujus.

Illi n-vista ta' din il-konkluzjoni tal-perit arkitett nominat, li din il-Qorti difficilment tara li hemm alternattiva ghaliha, d-divizjoni tal-komunjoni tal-proprjeta' bejn il-kondividenti ma ghandhiex soluzzjoni ohra hlief li: (a) rigward l-immobbli, li jinbieh b'licitazzjoni u r-rikavat jinqasam skond il-kwoti fuq indikati, skond il-kaz soggett ghall-usufrutt; (b) li l-azzjonijiet li huma kollha f'socjetajiet esteri wkoll jinbieghu b'licitazzjoni, okkorrendo per opera tal-prokuratur ezistenti, Carmelo Grech jew kuratur nominat fid-diskrezzjoni tal-Qorti, u r-rikavat, tenut kont l-ispejjez ta' kull kwota, jigi wkoll maqsum skond l-imsemmija kwoti u skond il-kaz soggett ghall-usufrutt; (c) li c-cnus, sakemm ma jkunx hemm akkwirenti ghax-xiri taghhom, jibqghu jingabru mill-prokuratur ezistenti, Carmelo Grech, u jinqasmu skond il-kwoti, skond il-kaz soggett ghall-usufrutt, u man mano jinfdew fejn tinqala' l-possibilita'. Ghal dak li jirrigwarda l-licitazzjoni tal-immobbli, u a bazi tal-Artikolu 520 tal-Kodici Civili, stante li hemm fost il-

kondividenti persuni assenti rapprezentati permezz ta' kuratur, l-licitazzjoni ghandha issir taht is-setgha tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja wkoll fil-kaz tal-bejgh b'licitazzjoni tal-azzjonijiet.

Fl-ahharnett u kif korrettement rilevat fl-eccezzjonijiet tal-konvenuti Guza Grima et nomine et l-atturi riedu jippruvaw li l-assi ereditarji gew debitament iddenunzjati. Dan l-obbligu hu impost mill-Artikolu 64 tal-Kap 368 u jorbot wkoll lill-Qorti li ghandha d-dmir tissollevah "ex officio". Huwa palesi li ebda prova li dan l-obbligu gie rispettat tinsab fl-atti. Huwa altrettant car li l-atturi kienu f'obbligu li jipprezentaw id-denunzji relattivi ta' Mary Piscopo li mietet fit-22 ta' Ottubru 2002, ta' Alfred Attard li miet fil-5 ta' Gunju 1993 u ta' Carmela mart Antonio Xerri li mietet fl-14 ta' Jannar 1997. Dan in-nuqqas, pero', u limitatament ghal kaz presenti, ma ghandux jkun daqstant ta' ostakolu biex din il-kawza tigi deciza stante li f'kull eventwali liberazzjoni tal-proprjeta, essendo l-istess taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja u kwindi tar-Registratur ta' dik il-Qorti, ebda liberazzjoni ma ghandha issir hlief jekk il-proprjetajiet de quo jkunu murija li gew debitament iddenunzjati.

Tiddeciedi ghalhekk li fil-waqt li tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tordna l-likwidazzjoni tal-assi li jrrizultaw minn dina s-sentenza li jikkomprendu l-wirt tal-mejjet Loreto Xuereb tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-proprjeta' imsemmija bl-applikazzjoni tal-Artikolu 521 tal-Kodici Civili u bir-riserva li l-atturi jesebixxu d-denunzji relattivi li ghandhom f'kull kaz jigu verifikati mir-Registratur ta' din il-Qorti fil-veste taghha ta' Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja.

L-ispejjez, fic-cirkostanzi, jigu sopportati mill-partijiet skond il-kwota ta' kull wiehed u wahda minnhom mil-wirt ta' Loreto Xuereb.

--------------------------------TMIEM--------------------------------